

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

18.6.2008

B6-0316/2008 }  
B6-0318/2008 }  
B6-0319/2008 }  
B6-0323/2008 }  
B6-0325/2008 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- John Bowis, Mario Mauro, Filip Kaczmarek, Charles Tannock, Colm Burke, Bernd Posselt, Eija-Riitta Korhola u Laima Liucija Andrikienė, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napoletano, Glenys Kinnock, Alain Hutchinson u Juan Fraile Cantón, f'isem il-Grupp PSE
- Marios Matsakis, Marielle De Sarnez u Johan Van Hecke, f'isem il-Grupp ALDE
- Margrete Auken u Mikel Irujo Amezaga, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Adam Bielan, Mieczysław Edmund Janowski, Ryszard Czarnecki u Ewa Tomaszewska, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- Verts/ALE (B6-0316/2008)
- ALDE (B6-0318/2008)
- PPE-DE (B6-0319/2008)
- UEN (B6-0323/2008)
- PSE (B6-0325/2008)

dwar il-qtil regolari taċ-ċivili fis-Somalja

RC\730015MT.doc

PE407.545v01-00}  
PE407.547v01-00}  
PE407.548v01-00}  
PE407.552v01-00}  
PE407.554v01-00} RC1

**MT**

**MT**

## **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-qtil regolari taċ-ċivili fis-Somalja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fis-Somalja,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet preċedenti li saru mill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-UE dwar il-ftehma ta' paċi riċenti ta' Djibouti,
  - wara li kkunsidra r-rapporti mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon li jesprimu tħassib dwar il-katastrofi umanitarja persistenti fis-Somalja,
  - wara li kkunsidra l-inizjattivi u d-dikjarazzjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana (AU) fir-rigward tas-sitwazzjoni fis-Somalja,
  - wara li kkunsidra l-pjan għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali mressaq fir-Riżoluzzjoni 1744 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, approvata fi Frar 2007, wara r-rebħa ta' l-Etjopja fuq l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. filwaqt li hu mħasseb bil-gwerra ċivili fis-Somalja li qiegħda tiegħu fit-tul u bl-implikazzjonijiet tagħha għall-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni f'dak il-pajjiż, kif ukoll għas-sigurtà u għall-istabilità tal-Qarn ta' l-Afrika kollu kemm hu,
- B. billi madwar 100 persuna nqatlu u eluf ħarbu minn djarhom fil-kapitali Somala, Mogadishu, f'dawn l-aħħar jiem, wara li reġa' beda l-ġlied bejn it-truppi tal-Gvern Federali Tranżitorju (TFG) u r-ribelli, wara li wħud mill-mexxejja Iżlamiċi rrifjutaw ftehim ta' waqfien mill-ġlied għal tliet xhur li ntlaħaq bil-medjazzjoni tan-NU u li kien iffirmat f'Djibouti mit-TFG u mill-Alleanza għal-Liberazzjoni mill-Ġdid tas-Somalja (ARS);
- C. billi l-membri tas-soċjetà ċivili fis-Somalja, b'mod partikolari l-midja, sfaw fil-mira b'mod partikolari ta' attakki u qtil, u filwaqt li jikkundanna l-qtil brutali u mmirat ta' Nasteh Dahir Farah, Viċi President ta' l-Unjoni Nazzjonali tal-Ġurnalisti Somali (NUSOJ), maqtul b'tiri ta' arma tan-nar minn żewġ qattielja fil-belt fin-Nofsinhar, Kismayu (Somalja), is-Sibt 7 ta' Ġunju 2008,
- D. billi 15-il ħaddiem li jipprovdi l-għajjnuna nqatlu mill-bidu ta' l-2008 sa issa, inkluż ħaddiem prominenti Somalu li jipprovdi l-għajjnuna, il-kap ta' l-aġenzija lokali ta' l-għajjnuna 'Woman and Child Care', Mohamed Mahdi, li ġie maqtul fil-kapitali, Mogadishu, minn persuni mhux identifikati;
- E. billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU esprima tħassib dwar iż-żieda fir-reklutaġġ ta' suldati tfal, b'mod partikolari f'Mogadishu, u dwar l-użu mifrux tat-tfal fi kważi l-forzi kollha tal-ġlied fil-pajjiż,

RC\730015MT.doc

PE407.545v01-00}  
PE407.547v01-00}  
PE407.548v01-00}  
PE407.552v01-00}  
PE407.554v01-00} RC1

- F. billi fis-Somalja għadhom qed jitwettqu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u vjolazzjonijiet tal-liġi umanitarja internazzjonali mill-partijiet kollha tal-kunflitt fis-Somalja, speċifikament tortura u trattament ħażin, stupri, eżekuzzjonijiet extra-ġudizzjarji, detenzjoni arbitrarja u attakki fuq iċ-ċivili u fuq l-infrastruttura ċivili;
- G. billi l-kunflitt u l-instabilità politika li għadhom għadejjin fis-Somalja wasslu biex qed isiru atti ta' piraterija u ta' serq bl-armi,
- H. billi, minn Frar 2007, madwar 856 970 Somalu ħarbu mill-ġlied f'Mogadishu, filwaqt li 2.6 miljun Somalu - madwar 35 fil-mija tal-popolazzjoni - jeħtieġu għajnuna umanitarja, ċifra li tista' tiżdied sa 3.5 miljun sa l-aħħar tas-sena,
- I. billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU ħeġġeġ lill-forzi Etopjani biex 'iżommu lura milli jwettqu attakki bla distinzjoni kontra ċ-ċivili u l-oġġetti ċivili, li jinkludu iżda li mhumiex limitati biss għal skejjel u sptarjiet', u stieden lill-awtoritajiet Etopjani biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet serji li twettqu kontra t-tfal mill-forzi tagħhom,
- J. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta b'mod unanimu rizzoluzzjoni fil-15 ta' Mejju 2008, li titlob li possibilment tintbagħat forza tan-NU għaż-żamma tal-paċi bi 28 500 raġel, sakemm ikun hemm titjib fil-kundizzjonijiet politiċi u tas-sigurtà fil-post; billi l-forza proposta tan-NU tkun qed tissostitwixxi kontinġent żgħir ta' suldati għaż-żamma tal-paċi ta' l-Unjoni Afrikana li ilhom fis-Somalja minn Marzu 2007,
1. Jikkundanna b'mod qawwi l-ġlied, il-qtil ta' persuni partikolari u l-vjolazzjonijiet serji l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem li għadhom qed iseħħu u li qed jitwettqu mill-partijiet kollha tal-kunflitt, li kkawżaw il-mewt ta' bosta ċivili Somali u kif ukoll katastrofi umanitarja;
  2. Jistieden lin-naħat kollha tal-kunflitt biex itemmu immedjatament il-vjolazzjonijiet kollha tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u dik umanitarja, iwaqqfu l-attakki li huma mmirati lejn iċ-ċivili, jieqfu kompletament mill-użu tat-theddid ta' mewt, ta' l-istupri, ta' l-arrestu illegali, tal-ħtif tal-persuni, ta' l-intimidazzjoni u tas-sakkeġġi taċ-ċivili u jikkonformaw b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu Komuni 3 tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra;
  3. Jitlob li jiġu lliberati ż-żewġ membri Taljani u l-membru Somalu ta' l-NGO agrikola Cooperazione Italiana Nord Sud (CINS), Jolanda Occhipinti, Giuliano Paganini u Abdirahaman Yussuf Harale, li nħatfu fil-21 ta' Mejju madwar 60 Km fin-Nofsinhar ta' Mogadishu, u li ntab riskatt ta' USD 1 miljun għalihom;
  4. Jitlob li jsiru investigazzjonijiet dwar il-każijiet kollha ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tat-tfal; iħeġġeġ lit-TFG biex itemm id-detenzjoni tat-tfal u biex jikkontrolla l-proliferazzjoni ta' l-armi ż-żgħar;
  5. Iħeġġeġ lin-naħat kollha tal-kunflitt biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm aċċess u għajnuna umanitarja mingħajr xkiel għall-popolazzjonijiet affettwati fil-pajjiż, u biex jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw is-sikurezza tal-ħaddiema lokali u

internazzjonali li jipprovdu l-għajnuna umanitarja;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim ta' paċi milħuq bejn il-Gvern Federali Tranżitorju tas-Somalja (TFG) u l-Alleanza għall-Liberazzjoni mill-Ġdid tas-Somalja (ARS) waqt it-taħdidiet inter-Somali f'Djibouti fid-9 ta' Ġunju, iffaċilitati mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ahmedou Ould-Abdallah, mill-Unjoni Afrikana u minn organizzazzjonijiet reġjonali u msieħba internazzjonali oħra; iħeġġeġ lit-TFG biex jinvolvi ruħu fi proċess ġenwin ta' rikonċiljazzjoni mal-partijiet kollha tal-kunflitt fil-pajjiż biex joħloq kundizzjonijiet għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabilità;
7. Jitlob li jissaħħa l-irwol tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal, fil-proċess tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali;
8. Jistieden lill-Gvern Tranżitorju tas-Somalja, b'kollaborazzjoni man-NU u ma' l-Unjoni Afrikana, biex juża l-mezzi kollha disponibbli biex jiġu evitati, skoraġġati u mrażżna l-piraterija u s-serq bl-armi mwettqa mill-kosta tas-Somalja kontra bastimetri li jkunu qed iġorru l-għajnuna umanitarja;
9. Jistieden lill-UE biex tkegġeg lill-Gvern Kenjan biex jagħti ażil lir-rifuġjati Somali u jiddefendi d-drittijiet tagħhom għall-għajnuna, u jistieden lill-Gvern Kenjan biex jippermetti aċċess umanitarju mingħajr xkiel mill-mogħdija ta' El Wak;
10. Jistieden lid-donaturi kollha, u b'mod partikolari lill-UE, sabiex iżidu l-għoti ta' l-għajnuna umanitarja lill-persuni internament spustjati u sabiex jiggarrantixxu għajnuna effettiva għall-iżvilupp lill-popolazzjoni Somala;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-għajnuna ta' l-UE ma tiġix miżapproprjata biex terġa' tingħata s-setgħa lis-sinjuri tal-gwerra li ġew assorbiti fl-Istituzzjonijiet Federali Tranżitorji, u biex tieħu passi biex tiprovdi rimedju għal dan jekk ikun meħtieġ;
12. Jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex isahha l-embargo ta' l-armi kontra s-Somalja u biex jieħu azzjoni aktar iddeterminata biex jiżgura li l-embargo jiġi rrispettat b'mod sħiħ mill-istati fir-reġjun; jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jinvestiga u jimponi sanzjonijiet immirati kontra l-individwi kollha akkużati li wettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità fis-Somalja, inkluż referenza possibbli lill-ICC;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottata b'mod unanimu fil-15 ta' Mejju 2008, li titlob li possibilment tintbagħat forza tan-NU għaż-żamma tal-paċi bi 28 500 raġel, sakemm ikun hemm titjib fil-kundizzjonijiet politiċi u tas-sigurtà fil-post; jinnota li l-forza proposta tan-NU tkun qed tissostitwixxi kontinġent zġħir ta' suldati għaż-żamma tal-paċi ta' l-Unjoni Afrikana li ilhom fis-Somalja minn Marzu 2007;
14. Iħeġġeġ b'mod qawwi li l-Missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) u kwalunkwe missjoni suċċessura tan-NU għaż-żamma tal-paċi tingħata l-mandat li tipproteġi ċ-ċivili, inklużi n-nisa, it-tfal u l-persuni spustjati internament, u tinkludi komponent b'saħħtu tad-drittijiet tal-bniedem, bil-kapaċità li timmoniterja, tinvestiga u tirrapporta

RC\730015MT.doc

PE407.545v01-00}  
PE407.547v01-00}  
PE407.548v01-00}  
PE407.552v01-00}  
PE407.554v01-00} RC1

vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Itenni l-appoġġ tiegħu għar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Somalja, Ahmedou Ould Abdallah, fl-isforzi tiegħu biex tiġi kkoordinata l-azzjoni tal-komunità internazzjonali u biex jiġi ffaċilitat id-djalogu politiku inter-Somalu, kif ukoll sabiex tiġi stabilizzata s-sitwazzjoni fis-Somalja billi tintbgħat l-AMISOM;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Istati Membri, lis-Segretarji Ġenerali ta' l-Unjoni Afrikana, tan-NU u ta' l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), lill-President tal-Gvern Federali Tranżitorju tas-Somalja, lill-Gvern ta' l-Etjopja u lill-Parlament Pan-Afrikan.